Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Talba Numru. 554/2010

**Go Plc (C-22334)**
**vs**
**Francesca Saveria Mangion (ID124258M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija sitta u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€586.53) in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru 40017372 skont diversi dokumenti mehmuza mal-avvizi immarkati bhala IZY1 u IZY2. u ezebiti in atti

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet.


Qrati tal-Gustizzja

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepixxiet illi t-talbiet attrici huma infondati bhala fatt, kif ukoll bhala dritt kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-esponenti bbenefikat minn pakkett ta’ sitt xhur b’xejn u ghalhekk mhix dovuta li thallas.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subzzjoni.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema’ x-xhieda tal-Av. Keith Grech u Francesca Saveria Mangion.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta’ servizz ta’ telekommunikazzjoni moghti lill-konvenuta mis-socjeta’ attrici li baqa’ ma thallasx.

Sema’ lill-konvenuta tixhed illi hija ghandha fil-pusess taghha zewg kaxxi u xtaqet tirritornahom lura u taqbel illi hija ghandha thallas il-parti tad-debitu ghall-kont biss izda ma xtaqitx thallas il-parti tal-kaxxex ghaliex ippretendiet illi l-kaxex ghandhom jigu ritornati lura.

Ra li skont il-verbal tal-1 ta’ Novembru, 2010 l-partijiet kellhom jirregolaw ruhhom.

Sema’ lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici jixhed illi l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-lum.

It-Tribunal ra li din il-kawza thalliet ghall-gheluq tal-provi tal-konvenuta ghal diversi seduti izda l-konvenuta baghet ma dehritx ghalkemm debitament imsejjha ghal tlett darbiet skont il-ligi u ghalhekk il-kawza marret ghas-sentenza

It-Tribunal huwa tal-fehma li ikkonceda diversi differimenti lill-konvenuta sabiex hija tinforma lit-Tribunal dwar x’kien

ha jsir miz-zewg kaxxex imsemmija fix-xhieda taghha, izda din baqghet ma dehritx.

Illi hija ukoll il-fehma tat-Tribunal illi jekk kemm-il darba l-konvenuta ghandha allegati kaxxex ohra appartenenti lis-socjeta’ attrici fil-pussess taghha u li m’humiex mertu ta’ din il-kawza, hija ghandha tirregola l-posizzjoni taghha mod iehor.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ hames mija sitta u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€586.53) bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------